# Kappillani Żwieten ta' diversi Parroċċi

*Jikteb il-Kanonku Dun Joe Abela*

Is-sena 2009/10 ġiet iddikjarata mill-Q.T. il-Papa bħala s-sena tas-Saċerdoti – fil-fatt intemmet fil-bidu ta' Ġunju, ftit ġranet ilu. Il-Papa qiegħed quddiem il-kleru l-figura ta' **San Ġwann Maria Vianney**, bħala xempju li fuqu kellhom ifasslu ħajjithom. San Ġwann Maria Vianney kien il-**Kappillan tal-parroċċa ċkejkna ta' Ars**, fi Franza; mudell ta' kappillan verament qaddis. Għall-ewwel daħalli f'moħħi li nagħti lista hawn ta' saċerdoti Żwieten, iżda peress li din il-lista kienet se tkun twila wisq- fl-istorja tal-knisja taż-Żejtun kellna madwar 350 saċerdot - ħsibt li jkun aħjar nillimita ruħi biss għall-kappillani Żwieten. Mhux il-kappillani u arċiprieti taż-Żejtun,iżda **l-kappillani**, ukoll ta' ħafna parroċċi oħra f'Malta, **li twieldu fiż-Żejtun.**

**Seklu 17** L-ewwel Żejtuni, sa fejn naf jien, li sar kappillan ta' parroċċa kien **Dun Matteo Shirieha**, attiv fiż-Żejtun fil-bidu tas-seklu 17. Apposta ħallejt barra lil **Antonia Zahra O.P. Isqof ta' Vigo**, Italja, għall-ħabta ta' nofs is-seklu 16, għaliex ma nafx li kien kappillan qabel inħatar isqof. Dun Matteo Shirieha sar **l-ewwel kappillan ta' Ħal Għaxaq** meta din il-parroċċa ġdida infirdet miż-Żejtun fis-sena 1626. Dam kappillan ta' Ħal Għaxaq sas-sena 1646. Proprjament kien twieled fl-Isla, iżda għadda żmien sewwa fiż-Żejtun bħala viċi kappillan. **Dun Mario Grech** kien attiv fiż-Żejtun fis-snin 80 tas-seklu 17, iżda sar **l-ewwel kappillan ta' Ħal Lija** fis-sena 1594, fejn dam sas-sena 1638. Niġu għall-aħwa saċerdoti Bonnici. **Dun Melchiore Bonnici u ħuh Dun Ugolin Bonnici.** Għalkemm ċerti storiċi fl-imgħoddi kienu jgħidu li dawn iż-żewġ kappillani taż-Żejtun kienu Żwieten, jien irnexxieli nistabbilixxi li, għalkemm twieldu fi ħdan familja Żejtunija, proprjament it-twelid tagħhom sar fil-Birgu. Dak iż-żmien il-familji tat-tajjeb kien ikollhom diversi djar f'aktar minn parroċċa waħda. **Melchiore** twieled fl-1631, filwaqt li ħuh **Ugolino** twieled fl-1640. **Dun Melchiore Bonnici** sar **kappillan taż-Żejtun** fl-1664, meta parrokkjali kienet għadha dik ta' San Girgor. Kien oratur tajjeb, u rriżenja minn kappillan fis-sena 1675, biex floku sar **kappillan taż-Żejtun ħuh Dun Ugolin Bonnici.** Fis-sena 1692, l-Isqof Davide Cocco Palmieri qiegħed l-ewwel ġebla tal-knisja parrokkjali tal-lum. Dun Ugolin serva bħala kappillan kemm fil-knisja ta' S. Girgor, kemm ukoll fil-knisja parrokkjali preżenti, għalkemm fi żmienu ma kenitx tlestiet għal kollox, għaliex miet fis-sena 1712. **Dun Oratio Cassar**, mir-raħal ta' fuq, twieled fiż-Żejtun fis-sena 1676. Fl-1716 l-Isqof Cannaves ħatru **kappillan tal-Qrendi**, fejn miet tliet snin wara,iżda ġie midfun fiż-Żejtun skont ix-xewqa tiegħu.





***Dun Mikiel Spiteri - 1963 Festa ta' S. Katarina***
***Dun P. Orland - bil-qiegħda in-naħa tax-xellug***

**Seklu 18 Dun Cirillo Formosa,** iben Paolo Formosa u Tereża mwielda Agius, twieled fis-sena 1702 fiż-Żejtun, u sar saċerdot fis-sena 1726. Kien oratur tajjeb ħafna, prefett fis-seminarju u konfessur f'diversi monasterji. Fiż-Żejtun kien prokuratur tal-Agunija, u kien hu, flimkien ma' Dun Ġwann Mifsud, li qabbad lill-pittur Ġian Nikola Buhagiar ipitter l-arzello tal-Kurċifiss. **Sar Kappillan ta' Ħal Tarxien fis-sena 1761,** u kien bis-saħħa tiegħu li l-kappillani bdew jilbsu ċ-ċurkett u l-mazzetta. Miet fis-sena 1767. **Dun Ġwann Mifsud,** iben Ġużeppi Mifsud u Katarina, twieled fiż-Żejtun fis-sena 1705, u ordna saċerdot fis-sena 1729. Minkejja d-distanza mbiegħda miż-Żejtun għall-Mellieħa, l-Isqof ħatru **rettur tas-santwarju tal-Madonna fil-Mellieħa**, fi żmien meta l-knisja parrokkjali

preżenti tal-Mellieħa kien baqgħalha ħafna snin biex tinbena. Ir-rettur kien jagħmel xogħol ta' kappillan. Miet fis-sena 1782. **Dun Ġużepp Saliba**, attiv fiż-Żejtun fis-snin 50 tas-seklu 18, **sar kappillan tal-Gudja** fis-sena 1767, fejn dam sas-sena 1780. **Dun Tumas Scicluna**, attiv fiż-Żejtun fis-snin 80 tas-seklu 18, sar **kappillan** fl-1801, **ta' Ħaż Żebbuġ**, fejn dam sas-sena 1830. **Dun Franġisk Grech**, iben Ġużeppi u martu Tomasina, twieled fiż-Żejtun fis-sena 1737. Fis-sena 1758 ħa l-lawrja fit-Teoloġija mill-Kulleġġ tad-Dumnikani fil-Belt Valletta. Kien konfessur tas-sorijiet ta' Santa Skolastika fil-Birgu. Sar **kappillan ta' Ħal Lija** fis-sena 1772 u dam hemm sas-sena 1793, meta ġie maħtur monsinjur. Fi żmienu saret il-konsagrazzjoni tal-knisja ta' Ħal Lija. Miet fil-Belt Valletta fis-sena 1796. **Dun Bert Ellul**, iben Ġlormu u Gratia, twieled fiż-Żejtun fis-sena 1759. Sar **kappillan tal-Għargħur** fis-sena 1791, fejn dam sa mewtu fis-sena 1808. Nistgħu ngħidu li serva ta' kappillan "taħt tliet saltniet" – Kavallieri, Franċiżi u Ingliżi! Ra r-rewwixta tal-Maltin kontra l-ħakkiema



*Dun Mikiel Spiteri*

Franċiżi. **Kien skultur tajjeb u mastrudaxxa tas-sengħa**, tant li kien hu li skolpixxa ż-żewġ statwi tal-ġebel fil-faċċata tal-knisja parrokkjali tal-Għargħur, u ħadem xogħol fl-injam fl-istess knisja, inklużi l-pulptu u l-antiporta artistika.

**Seklu 19 Dun Salv Montebello**, iben Ġużeppi u Katarina, imwielda Caruana, twieled fiż-Żejtun fis-sena 1762. Fir-rewwixta kontra l-Franċiżi, Mikiel Cachia, patrijott Żejtuni, bagħtu Sqallija jġib l-ikel għall-Maltin, missjoni li hu qeda b'suċċess. Fis-sena 1804 inħatar **Kappillan ta' Bormla**, fejn waqqaf il-**Fratellanza ta' Sant'Agata**, waħda mill-patruni ta' Malta. Il-fratellanza kienet devota ta' Sant' Agata bħala patruna tal-ħajjata. Dun Salv miet f'Bormla fis-sena 1809. **Dun Ġwann Busuttil** twieled fiż-Żejtun fis-sena 1760 u ordna saċerdot fis-sena 1785. Għall-ewwel inħatar rettur tas-Seminarju fl-Imdina, iżda fis-sena 1802 l-Isqof ħatru **Kappillan tal-Birgu**. Fi żmienu saret id-disgrazzja kbira fil-Birgu, meta **splodiet il-polverista** u qatlet numru kbir ta' nies. Wieħed mill-vittmi kien żagħżugħ Żejtuni li mar il-Birgu ibigħ il-ħalib! Dun Ġwann ħalla deskrizzjoni dettaljata ta' dak li ġara. Fis-sena 1815 inħatar monsinjur tal-Katidral u miet fl-1823. **Dun Mikiel Abela, parentela tal-familja Cachia Zammit**, twieled fiż-Żejtun fis-sena 1812, iben Angelo Abela u Gratia, imwielda Camilleri. Kien ħu Orazio Abela, missier Dun Alfred Abela. Dun Mikiel ordna saċerdot fis-sena 1835 u għamel madwar erba' snin ħidma pastorali fl-Imdina qabel din saret parroċċa. Inħatar **kappilllan ta' Ħal Għaxaq** fis-sena 1862, fejn dam sas-sena 1873, meta sar monsinjur tal-katidral. Miet fis-sena 1889 u jinsab midfun fil-Katidral tal-Imdina fejn naraw lapida sepulkrali tiegħu fil-kursija. **Dun Pietru Pawl Cachia Abela** (1816-99), diplomatiku, kappillan, membru tal-Kunsill tal-Gvern u benefattur tal-knisja parrokkjali. Peress li f'Ruma kien kappillan tal-familja Colonna, irnexxielu jidħol fil-Konklav li ħatar bħala Papa lil Piju IX. Sar Pronotarju Appostoliku f'Corfuï u fl-1865 ġie nominat **Kappillan tan-Naxxar**. Ħallas għall-paviment tal-kappellun tal-Kurċifiss fil-knisja taż-Żejtun. **Dun Salv Delia** twieled fiż-Żejtun fis-sena 1865, iben Franġisku Delia u Magdalena, imwielda Micallef. Sar saċerdot fis-sena 1889. Mill-familja "Ta' Mensja". Inħatar l-**ewwel kappillan ta' M'Xlokk** fis-sena 1897, meta M'Xlokk inqata' miż-Żejtun, ġieb minn barra l-vara tar-Ružarju għal M'Xlokk, fejn miet fl-1902, fl-età ta' 37 sena!

**Seklu 20 Dun Lawrenz Degabriele**, mill-familja "Tal-Ixkif", twieled fiż-Żejtun fis-sena 1852, iben Salvu Degabriele u M'Anna, imwielda Farrugia. Ordna saċerdot fis-sena 1877. Inħatar prokuratur tal-knisja parrokkjali fejn irrestawra l-vara ta' S. Katarina aktar minn darba. Kien żelanti fl-assistenza mal-morda bil-kolera fl-1887. Inħatar **kappillan ta' Ħal Safi** u fl-1897 **arċipriet taż-Żejtun**. Fl-1907 irrestawra l-koppla tal-knisja parrokkjali. Magħruf għall-imħabba kbira tiegħu lejn il-foqra. **Dun Manwel Micallef,** "Tal-Brajba" twieled proprjament fl-Isla, iżda malajr il-familja tiegħu stabbiliet ruħha fiż-Żejtun, fejn serva ta' viċi-kappillan. Inħatar **kappillan tal-Qrendi** fl-1926 u **tan-Naxxar** fl-1935. Ġieb id-dinjità arċipretali għan-Naxxar fl-1949. Erba' snin wara, sar monsinjur, u miet fl-1958. **Dun Mikiel Spiteri** twieled fiż-Żejtun fl-1913 u ordna saċerdot fl-1937. Fiż-Żejtun inħatar direttur tal-Juventutis Domus, u fl-1943, meta l-qilla tal-gwerra naqset ftit sar **kappillan ta' Ħal Kirkop**, fejn dam sas-sena 1952. F'Ħal Kirkop irrestawra l-knisja parrokkjali wara t-tifrik tal-gwerra. Fl-1952 sar **kappillan ta' B'Buġa**

fejn dam biss sentejn, għaliex fl-1954 sar **arċipriet taż-Żejtun.** Fiż-Żejtun, megħjun minn Dun Ġużepp Desira, tella' l-bini parrokkjali. Miet bħala monsinjur fl-1970. **Dun Pantaleone Orland**, Żejtuni, sar saċerdot fl-1945. Fiż-Żejtun serva bħala organista u Assistent Ekklesjastiku tal-Azzjoni Kattolika. Inħatar **kappillan ta' Ħal Kirkop** fl-1952 u ftit wara ta' **M'Xlokk.** Sar **arċipriet taż-Żejtun** fl-1963. Ħabbat wiċċu ma' ħafna problemi minħabba r-riforma liturġika. Miet bħala monsinjur fis-sena 2003. Iż-Żejtuni **Patri Alfons Zammit O.C.** sar saċerdot fl-1925, u serva bħala **kappillan ta' Santa Venera** bejn is-snin 1935 u 1946. Iż-Żejtuni **Patri Wistin Caruana O.C.** ordna saċerdot fl-1925, u serva bħala **kappillan ta' Santa Venera** bejn is-snin 1946 u 1961. **Dun Franġisk Xuereb**, "Ta' Serafin" twieled fis-sena 1900 u ordna saċerdot fl-1927. Serva bħala **kappillan ta' Ħal Safi** bejn is-snin 1935-46, u **ta' Raħal Ġdid** bejn is-snin 1946-52. F'Raħal Ġdid bena żewġ knejjes parrokkjali ta' Kristu Re u l-Madonna ta' Lourdes. Iż-Żejtuni **Dun Tarċisju Buttigieg** twieled fl-1915 u sar saċerdot fi New York fl-1943. Serva ta' **kappillan fl-Istati Uniti** iżda fl-aħħar ta' ħajtu kien joqgħod f'Bir id-Deheb. **Dun Tumas Spiteri** ħu Madam Spiteri, "Head of School" fiż-Żejtun, twieled fiż-Żejtun. Studja għal qassis fl-Italja, fejn ordna fl-1974. Sar **arċipriet ta' Catanzaro. Dun Lawrenz Mifsud** proprjament twieled fil-Birgu, iżda trabba fiż-Żejtun fejn ġie mal-familja bħala tifel fil-gwerra. Ordna saċerdot fis-sena 1959, u sar organista ż-Żejtun. Inħatar **kappillan ta' M'Xlokk** (1963-64) **arċipriet tal-Birgu** (1964-80), **kappillan tas-Siġġiewi** (1983-94). Wara sar monsinjur. **Patri Maurizio Mizzi, O.C.** twieled fiż-Żejtun fis-sena **1953 u ordna saċerdot fis-sena 1960.** Darbtejn sar **kappillan tal-parroċċa ta' Fleur -de - Lys** (1982-88: 2000). **Dun Karm Zammit** twieled fiż-Żejtun fl-1953 u ordna saċerdot fl-1962. Inħatar **kappillan ta' Ħal Għaxaq** (1967-83) u wara ngħata xogħol fis-sezzjoni finanzjarja tal-Kurja. Nominat monsinjur. Iż-Żejtuni **Dun Joe Carabott** twieled fis-sena 1936 u ordna saċerdot fl-1962. Inħatar **kappillan ta' Wied il-Għajn** (1964-75) **arċipriet tas-Siġġiewi** (1975-88 u **tal-Mosta** (1981-2003). Nominat Monsinjur. **Patri Vinċenz Magro MSSP** twieled fiż-Żejtun u ordna saċerdot fis-sena 1965. L-Ordni tiegħu tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl bagħtuh fil-Missjoni u sar **kappillan tal-parroċċa ta' Santa Katarina fil-Perù**.

Hekk tajna ħarsa ħafifa lejn is-saċerdoti u patrijiet Żwieten li servew bħala kappillani u arċiprieti, f'Malta jew barra minn gżiritna. Nitolbu lill-Mulej li jippremjahom għax-xogħol pastorali li wettqu fil-għalqa Tiegħu, u lil San Ġwann Maria Vianney, protettur tas-saċerdoti biex ikompli jieqaf magħhom.

---

Nirringrazzja lill-dawk id-ditti u ħwienet, li permezz tar-riklamar tagħhom f'dan il-*magazine* kien possibbli li nwasslu kopja lil kull familja tal-Parroċċa tagħna (4000 kopja). Permezz t'hekk twasslet ukoll informazzjoni ta' natura reliġjuża u kulturali lill-familji Żwieten.

Grazzi mill-qalb

L-Editur

WIRT IŻ-ŻEJTUN

**Iż-Żejtun għandu wirt kulturali kbir**
Huwa dmir ta' kull wieħed u waħda minna li naraw li nħarsu dan il-wirt u ngħadduh lil ta' warajna f'kundizzjoni aħjar

Tixtieq tagħti sehem?
**ISSIEĦEB F'WIRT IŻ-ŻEJTUN**
Aktar informazzjoni fuq
**www.wirtizzejtun.com**